# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-24 ta' April 2023

**Rikors Nru : 10/2023 JPG**

**Kawza Nru : 18**

**HP**

**Vs**

**MP**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' HP datat 10 ta' Jannar 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fil-5 ta' Settembru tas-sena 1987 fil-Knisja ta' San Girgor, Zejtun (**Dokument HP1**) u miz-zwieg taghhom huma kellhom tifel GP, tifel maggorenni;*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri, fit-18 ta' Marzu 2013 (**Dokument HP2**) u kienu ilhom minn Jannar 2013 mifruda de facto, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia¸ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minnghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt);*

5. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom. L-esponent qeghdha tannetti l-affidavit taghha (**Dokument HP 3)**.*

*Ghaldaqstant l-esponent titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, u previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B gew sodisfatti, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien indikat fl-Artikolu 66A(4) tal-istess Kapitolu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjes*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 20 ta' Marzu 2023, a fol 22 et seq., li taqra hekk:

*Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Settembru, 1987 fil-Knisja ta' San Girgor, Zejtun, registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wara l-iehor tar-registru nru. 1470 skont Dok. HP1 anness mar-rikors tar-rikorrenti;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti permezz*

*ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri datat 18 ta' Marzu 2013, u cioe' ghaxar snin ilu;*

*Illi huwa minnu l-partijiet ghandhom tifel wiehed, maggiorreni, u m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment. In oltre' ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet peress li kienu rrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu u jew jircievu manteniment minghand xulxin (ai termini tal-klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet);*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-intimat jaqbel li jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-intimat m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dak mitlub mir-rikorrenti hlief li m'ghandu jbati l-ebda spejjez.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Settembru 1987, u minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum maggiorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clarissa Cuschieri nhar it-18 ta' Marzu 2013. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 25) u kkonferma u kkorrabora max-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 1987, liema zwieg jgib certifikat numru 1470/1987 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clarissa Cuschieri data 18 ta' Marzu 2013 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1470/1987 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**